Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta Nru. 20,158, 2 ta' April, 2019

Taqsima B

A.L. 57 tal-2019

ATT DWAR L-EDUKAZZJONI
(KAP. 327)

Ir-Regolamenti tal-2019 biex jemendew ir-Regolamenti Ġenerali għar-Rikonoxximenti Universitarji ta' wara l-Ewwel Grad

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija lilu bl-artikoli 74 (5) u 75 (6) tal-Att dwar l-Edukazzjoni (Kap. 327), il-Kanċillier tal-Università ta' Malta ppromulga dawn ir-regolamenti magħmula mis-Senat tal-Università ta' Malta bis-saħħa tas-setgħat mogħtija lilu bl-artikoli 75 (3) u 79 (b) ta' dak l-Att:

It-Titlu

1. Dawn ir-regolamenti jistgħu jissejħu bħala r-Regolamenti tal-2019 biex jemendaw ir-Regolamenti Ġenerali għar-Rikonoxximenti Universitarji ta' wara l-Ewwel Grad u għandhom jinqraw u jinftiehmu bħala ħaġa waħda mar-Regolamenti Ġenerali għar-Rikonoxximenti Universitarji ta' wara l-Ewwel Grad tal-2008, ippubblikati bħala Avviż Legali 120 tal-2008, li minn hawn 'il quddiem jissejħu "ir-regolamenti prinċipali".

L-Applikabilità

2. Dawn ir-regolamenti għandhom japplikaw mill-1 ta' Marzu, 2019 'il quddiem.

L-Emenda għar-regolament 63 tar-regolamenti prinċipali

3. Minflok ir-regolament 63 tar-regolamenti prinċipali għandu jidħol dan li ġej:

"63. Il-Bordijiet tal-Istudji għall-Korsijiet kollha għandhom ikunu maħtura mis-Senat sa' Settembru għal perijodu ta' sena.

L-Emenda għar-regolament 66 tar-regolamenti prinċipali

4. Il-paragrafu (3) li ġej għandu jidħol wara l-paragrafu (2) tar-regolament 66 tar-regolamenti prinċipali:

"(3) Il-Fakultajiet jistgħu jinkludu bħala membri fuq il-Bordijiet tal-Istudji sa żewġ esperti fil-qasam ta' studju tal-programm ikkonċernat."

5. Il-paragrafu (3) tar-regolament 66 tar-regolamenti prinċipali għandu jkun innumerat mill-ġdid bħala l-paragrafu (4).